DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

Tel: 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 Indirizz Elettroniku: gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 5 ta' Settembru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 057/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Medji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Poeżiji u novelli obbligatorji bil-Malti għall-istudenti tas-Seba' u t-Tmien Sena

---

L-għalliema tal-Malti huma mgħarrfa li għas-sena skolastika 2017-2018 se jkun hemm bidla fl-għażla ta' poeżiji u novelli obbligatorji bil-Malti li jsiru fis-sentejn tal-Medja.

### A. Il-Poeżiji minn *Nadriet 1* u *2*

It-tmien poeżiji li kienu jsiru mit-taqsima *Nadriet Poetiċi* se jibqgħu l-istess. Mit-taqsima *Aktar Nadriet Poetiċi*, l-għalliema kienu jagħżlu tliet poeżiji minn tmienja. **Issa din l-għażla se tispiċċa u minflok se jkun hemm tnejn minnhom obbligatorji mal-oħrajn.**

Din il-bidla qed issir fuq suġġeriment ta' bosta għalliema li, minħabba d-diffikultà biex fil-karta annwali jiġu assessjati b'mod xieraq il-poeżiji tat-taqsima *Aktar Nadriet Poetiċi*, dawn ta' spiss kienu qed jitħallew barra u ma kinux qed jiġu inklużi fl-eżami annwali.

Għalhekk **minn Settembru 2017**, il-poeżiji obbligatorji li jridu jsiru fil-Malti fis-snin tal-Medja huma dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Is-Seba' Sena<br>(10 poeżiji b'kollox) | *San Franġisk u l-Gamiem*, Ġ. Delia<br>*Tifħira lil Malta*, Ġ.A. Vassallo<br>*Il-Bikja tal-Buskett*, O. Friġġieri<br>*Il-Ħolma t'Alla*, A. Buttigieg<br>*L-Għasfur,* N. Cremona<br>*Lil Ommi*, R. Briffa<br>*Ritratt ta' Toninu man-Nanna*, A. Cuschieri<br>*Bjuda*, Dun Karm<br>*Raħal Twelidi*, K. Vassallo<br>*Il-Kebbies tal-Fanali*, A. Buttigieg |

| | |
|---|---|
| It-Tmien Sena<br>(10 poeżiji b'kollox) | *Ġejja x-Xita*, M. Meilaq<br>*Ballata*, R. Briffa<br>*Id-Dwejra*, J. Friggieri<br>*Gelmus*, Ġ.Zammit<br>*It-Tokki tal-Paternoster*, A. Mizzi<br>*Wied Qirda*, Dun Karm<br>*Il-Barri*, Ġ. Pisani<br>*Il-Ħajku*, A. Buttigieg<br>*Fil-Menqa*, Ġ. Peresso<br>*Marsaxlokk*, C. Flores |

**B. In-Novelli mill-Antoloġiji *Arja Friska 1* u *2***

L-għażla li kien hemm fis-sillabu fejn jidħlu n-novelli mill-antoloġiji *Arja Friska* ser tispiċċa. Għaldaqstant **l-erba' novelli** li hemm għal kull sena tal-Medja se jkunu **kollha obbligatorji**. Fl-eżami annwali l-istudenti mhux se jkollhom għażla u se jwieġbu mistoqsijiet fuq żewġ novelli biss. In-novelli huma:

| | |
|---|---|
| Is-Seba' Sena<br>*Arja Friska 1* | *Ġaħan u l-Ġurdien*, Ġ. Mifsud-Chircop<br>*Demgħa*, Anselm Sciberras<br>*Il-Ġennien*, Ġ. Borġ<br>*L-Imħatra tal-Ħallelin*, Dun Xand Cortis |
| It-Tmien Sena<br>*Arja Friska 2* | *Ħbub tad-Deheb*, T. Żahra<br>*Saver iridha ta' Mosè*, O. Friggieri<br>*L-Emigrant*, Lawrence Mizzi<br>*Wegħda mal-Erwieħ*, Lino Psaila |

L-għalliema huma mħeġġa biex waqt li jkunu qed jippreparaw il-lezzjonijiet tal-poeżiji, iżuru s-sit elettroniku **malti.skola.edu.mt** u jinqdew bir-riżorsi interattivi, (fosthom anke l-RLO's li jinsabu fuq il-Fronter) u l-filmati interpretattivi li hemm fuq dawn il-lezzjonijiet biex tassew jagħtu esperjenza letterarja utli u ta' gost lill-istudenti tagħhom.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**